MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 1117/2010/1

**Mario Micallef**

**v.**

**Sandra Micallef Gravina**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat li l-attur ressaq fl-1 ta’ Novembru li jaqra hekk:

“Illi r-rikorrenti u l-intimata kienu izzewgu fil-wiehed u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (21.07.95);

“Illi fit-tmienja u ghoxrin ta' Awissu elf disa' mija sebgha u disghin twieldet it-tifla Iona (28.08.97);

“Illi l-intimata kienet bdiet proceduri ta' separazzjoni fis-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) u permezz digriet moghti mil-Qorti Civili - Sekond' Awla, datat tlieta u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn (23.05.00) (Kopja hawn annessa u markata bhala Dok. MM1) ir-rikorrenti gie ordnat illi jhallas l-ammont ta' tnax-il Lira Maltin (Lm12) fil-gimgha rapprezentanti l-manteniment tal-minuri Iona Micallef;

“Illi l-partijiet f’dawn il-proceduri kienu sseparaw permezz ta' sentenza fl-ismijiet Sandra Micallef vs. Mario Micallef (Citaz. Nru. 2144/00 RCP) deciza nhar it-tletin ta' Gunju tas-sena elfejn u erbgha (30.06.04) (Kopja hawn annessa u markata bhala Dok. MM2). Illi skont din is-sentenza, r-rikorrenti gie ordnat illi jhallas lil intimata bhala manteniment ghal minuri l-ammont ta' €174.70 fix-xahar;

“Illi permezz ta' sentenza fl-ismijiet Mario Micallef vs. Sandra Micallef pro et. noe (Citaz. Nru. 301/04) deciza nhar il-hmistax ta' 15 ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (15.06.10) (Kopja hawn anness u markata bhala Dok. MM3), il-Qorti ddecidiet u dikjarat illi l-minuri Iona Micallef ma hijiex il-wild naturali u bijoligika ta' Mario Micallef u konsegwentement ordnat ukoll il-korrezzjoni fl-imsemmi att ta' twelid numru 3351/97 (Kopja hawn annessa u markata bhala Dok. MM4) u ordnat illi l-obbligu tal-hlas tal-manteniment ghal minuri kif stipulat skont is-sentenza fl-ismijiet Sandra Micallef vs. Mario Micallef (Citaz. Nru. 2144/00) jieqaf immedjatament;

“Illi l-intimata kienet taf mil-bidu nett illi l-minuri Iona ma kenitx il-wild naturali tar-rikorrenti, izda baqghet tinsisti li tircievi l-manteniment ghan-nom tal-minuri;

“Illi sal-gurnata li s-sentenza fl-ismijiet Mario Micallef vs. Sandra Micallef pro. et noe. (Citaz. Nru. 301/04) saret res judicata r-rikorrenti kien hallas bhala manteniment ghal minuri Iona Micallef l-ammont ta' tmintax-il elf, mija u erbatax-il Euro u sitta u sittin centezmu (€18,114.66);

“Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha prevja kull dikjarazzjoni opportuna u necessarja fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja:

“1. Tiddikjara li r-rikorrenti qatt ma kien tenut ihallas manteniment ghal minuri Iona peress li ma hijiex il-wild naturali tieghu u ta' dan il-fatt l-intimata kienet konxja;

“2. Tikkonferma illi l-ammont imhallas bhala manteniment ghal minuri ossia l-ammont ta' tmientax-il elf, mija u erbatax-il Euro u sitta u sittin centezmu (€18,114.66) qatt ma messu gie imhallas mir-rikorrenti;

“3. Tikkundanna lil intimata sabiex thallas lura lir-rikorrenti l-manteniment gja imhallas fl-ammont ta' tmientax-il elf, mija u erbatax-il Euro u sitta u sittin centezmu (€18,114.66) bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta' kull hlas;

“Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali datati erbatax ta' Lulju elfejn u erbgha (14.07.04), tnax ta' Marzu elfejn u disgha (12.03.09) u l-protest gudizzjarju datat disgha u ghoxrin ta' April elfejn u ghaxra (29.04.10) kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzzjoni;”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li tghid hekk:

"1. Illi preliminarjament it-tielet talba tal-attur ghal hlas Iura ta' manteniment hija preskritta tenur tal-artikolu 2156 *et seq* tal-Kap. 16 tal-Ligiijiet ta' Malta;

"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ligi espressament tipprovdi illi m'ghandux ikun hemm hlas Iura ta' mantenirnent li jkun lahaq thallas;

"3. Illi fil-mertu l-esponenti tixhed li hija kienet konxja li l-attur ma kienx il-missier naturali tal-minuri kif ser jigi spjegat tul it-trattazzjoni tal-kawza;

"4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-minuri twieldet fil-mori taz-zwieg ta' bejn il-partijiet u kienet fi stat legittimu sad-data li s-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) Citazjoni numru 301/04 NC tal-15 ta' Gunju 2010. Il-hlas Iura ghal manteniment pretiz mill-attur jirriferi manteniment parzjalment ordnat b'digriet tas-Sekond' Awla datat 23 ta' Mejju 2000 u manteniment ordnat permezz ta' sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat-30 ta' Gunju 2004 liema sentenza ta' separazzjoni personali ma gietx appellata minn l-attur u ghalhekk ukoll it-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

"5. Illi l-esponenti qed topponi ghal ispejjez ta' dawn il-proceduri;

"6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;"

Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili moghtija fl-4 ta' Ottubru 2011 li biha l-Qorti fil-waqt cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta laqghet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta;

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

“Din hi kawza fejn l-attur qed jitlob ir-radd lura minghand il-konvenuta tal-manteniment li hu hallas lilha bhala kuratrici ad litem tal-wild minuri Iona li hu kien gie ordnat ihallas permezz ta’ digriet tal-Qorti Civili Sekond’ Awla tat-23 ta’ Mejju 2000. Is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti giet deciza b’sentenza tal-Qorti fit-30 ta’ Gunju 2004 u l-attur gie ordnat ihallas lill-konvenuta retta alimentarja ghal minuri kif iffissat mill-istess Qorti. L-attur qed jitlob ir-rimbors ta’ kull ma hallas lill-konvenuta bhala manteniment ghal bintu skont l-ordni tal-Qorti ghax fil-15 ta’ Gunju 2010 wara li l-attur pprezenta kawza fl-2004 stess biex jigi dikjarat li mhux il-missier tal-minuri Iona, il-Qorti ddikjarat illi l-minuri Iona ma kienitx il-wild naturali tal-attur u ordnat il-manteniment lejha jieqaf minnufih.

“Il-konvenuta f’dik il-kawza kienet opponiet ghat-talba tal-attur li ma kienx il-missier naturali tal-minuri Iona.

“F’din l-istanza l-konvenuta qed topponi ghar-radd lura tal-flus li hi ppercepiet minghand l-attur bhala manteniment ghal minuri.

“**Preskrizzjoni**

“L-attrici qed tallega li l-kawza tal-attur hi preskritta ai termini tal-artikolu 2156 tal-Kap. 16. Il-konvenuta ma tispecifikax pero taht liema subartikolu hi qeghda tivvanta din il-preskrizzjoni. Il-Qorti ma tistax ‘ex officio’ taghti effett ghal preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata – artikolu 2111 tal-Kodici Civili – u ma ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara kienx applikabbli ghal kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b’mod car u esplicitu minn min jinvokaha (**Vol XXXIII p1 p481**; **Francis Bugeja nomine vs Indri Mecieca**, App Civ 29.05.2000). Il-Qorti tista’ tieqaf hawn pero ghal kompletezza l-artikolu 2156 li tirreferi ghalih il-konvenuta fih seba’ subincizi pero l-konvenuta ma tispecifikax ghal liema subinciz qed tirreferi. Jidher pero illi l-konvenuta qed tirreferi ghall-azzjonijiet tal-hlas ta’ manteniment [2156(b)]. Din il-kawza pero, kif ghandu jigi interpretat l-imsemmi subartikolu mhix qed issir mill-benificjarju tal-manteniment kontra min hu debitur ghal dak il-

manteniment kif jippostula l-imsemmi subinciz izda l-kawza qed issir minn min hallas l-imsemmi manteniment kontra min ircevih.

“Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mhix msejsa fuq is-sew u qed tigi michuda.

“**Artikolu 22 tal-Kodici Civili**

“Il-konvenuta qed teccepixxi inoltre illi l-ligi tipprovdi li ma ghandux ikun hemm hlas lura ta’ manteniment meta jkun thallas u fin-nota spjegattiva a fol. 44 tal-process qalet li kienet qed tirreferi ghall-artikolu 22 tal-Kap. 16.

“Dan l-artikolu jghid fl-ewwel subinciz tieghu li ebda azzjoni ghal hlas lura ta’ manteniment ma tista’ tirnexxi ghal hlasijiet li jkunu saru wara li l-kawza li ghalih ikun inghata l-manteniment ikun ittermina. Qari ta’ dan l-artikolu juri illi l-azzjoni hi prekluza ghal hlasijiet ta’ manteniment li saru wara li r-raguni ghal hlas tal-manteniment ikun spicca. F’dan il-kaz jirrizulta illi l-talba tal-attur hi limitata ghaz-zmien li fih kien obbligat ihallas manteniment provvizorju lil bintu b’ordni tal-Qorti (Sekond’ Awla) u bl-ordni tal-Qorti tal-Familja wara, b’sentenza ta’ separazzjoni, sad-data li l-istess Qorti tal-Familja ddikjarat li l-attur ma kienx il-missier naturali tal-minuri Iona w ordnat li kull manteniment li kien in vigore bhala dovut mill-attur kellu jieqaf immedjatament. Ghalhekk din l-azzjoni wkoll ma fihiex mis-sew u qed tigi rigettata.

“**Talba attrici**

“L-attur b’mod semplici qed jitlob li jigi rimborsat il-manteniment kollu li hu hallas lill-konvenuta ghal wild minuri Iona b’ordni tal-Qorti mid-digriet tas-Sekond’ Awla tat-23 ta’ Mejju 2000 sad-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Familja tal-15 ta’ Gunju 2010 fejn gie deciz illi l-wild minuri ma kienitx il-wild naturali tal-attur.

“Il-bazi legali tal-azzjoni tar-ripetizzjoni tal-indebitu kif postulata mill-attur tinsab fl-artikolu 1147 tal-Kodici Civili. L-artikolu 1147(1) ighid “kull hlas jissoponi dejn, u dak li jithallas bla ma jkollu jinghata, jista’ jintalab lura”.

“L-artikolu 1147(2) ighid “Izda ma hemmx jedd ta’ azzjoni ghal hlas lura jekk dak li jithallas kellu jinghata bis-sahha ta’ obbligazzjoni naturali”.

“Dan l-indebitu maghruf bhala ex re jew indebitu oggettiv hu distint minn dak ex persona taht l-artikolu 1022(1) li jghid “Kull min, billi jahseb bi zball li hu debitur, ihallas dejn, ghandu jedd jitlob il-hlas lura minghand il-kreditur”.

“Dan peress illi mentri fil-kaz tal-indebitu ex persona l-pagament irid ikun sar bi zball, fil-kaz tal-indebitu ex re, d-debitu, li bil-hlas gie estint, ma jezistix jew ghax qatt ma ezistiet il-kawza originarja tar-rapport (condictio indebiti sine causa) jew ghax din il-kawza giet nieqsa successivament in kwantu annullata jew ghax tkun sehhet il-kondizzjoni sospensiva li tahtha kienet sottoposta (condictio indebiti ab causam finitum). L-izball o meno tas-solvens hi irrelevanti billi l-artikolu 1147 ma jipprovdix ghalih kif jipprovdi l-artikolu 1022 (ara f’dan is-sens **Maria Galea vs Grace Borg**, PA 12.10.2005).

“Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza recenti tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet **Dr. Ivan Barbara et vs Leslie Muscat et** (7.7.2011 CSH) li dahlet fid-dettal fl-istitut tal-indebitu ex persona pero in kwantu ghall-indebitu oggettiv gie raportat kif gej minn sentenza tal-**Cassazione 30.12.1970 numru 2748** li jghid hekk:

> “*L’azione di ripetizione d’indebito oggettivo, in quanto ha per unica effettiva base l’assoluta inesistenza dell’obbligazione che il solvens ha materialmente adempiuto col pagamento non dovuto, non e` in sostanza che un’azione di nullita` per mancanza di causa, che ha per presupposto la mancanza dell’accipiens del diritto di acquistare il bene o il valore patrimoniale trasmessogli dal solvens, prescinde dal verificarsi del danno ed ha natura autonoma e principale*”

“Il-fattispecie ta’ din il-kawza juri illi l-attur kien qed ihallas manteniment b’obbligu civili impost fuqu mill-ligi permezz ta’ ordni esplicita tal-Qorti f’perjodu fejn ghall-finijiet tal-ligi kien maghruf bhala missier tal-minuri Iona li twieldet miz-zwieg tieghu mal-konvenuta. Hu kien qed ihallas ghax legalment tenut jaghmel dan bil-ligi qua missier naturali u bijologiku ta’ wild minuri Iona

ghax hekk titlob il-ligi fejn si tratta ta' wlied li jitwieldu waqt iz-zwieg u inoltre kien ordnat jaghmel dan b'ordni diretta tal-Qorti.

"L-attur ma setax jehles minn din l-obbligazzjoni hlief wara pronunzjament tal-Qorti li tiddikjara li l-wild Iona ma kienitx bintu ergo l-hlas li sar qua manteniment, gie percepit mill-konvenuta bla causa originarja tar-rappport li jwassal ghall-obbligu tal-hlas tal-manteniment.

"Hi irrelevanti ghall-mertu ta' dawn il-proceduri l-eccezzjoni tal-konvenuta li ma kienitx konxja li l-minuri ma kienitx bint l-attur ghax ir-regola tal-ligi dwar ir-radd lura ta' dak li jkun inghata bla misthoqq tibqa' tghodd minkejja li min ikun irceva l-hlas kien jemmen li kellu jedd ghalih, ghaliex il-mala fede ta' min ikun irceva l-hlas tghodd biss biex wiehed iqis kemm ghandu jrodd lura lil dak li jkun iwettaq il-hlas (**Accountant General et vs Frances Agius,** PA 26.10.2001 GCD). Fix-xiehda quddiem il-Qorti tghid li kellha dubbju li t-tarbija ma kienitx tal-attur u darba f'sahna ta' argument fil-proceduri ta' separazzjoni qaltlu li jista' kellha dubbju li t-tifla ma kienitx tal-attur.

"L-attur seta' issuspetta li t-tarbija ma kienitx tieghu, sentiment naturali fic-cirkostanzi meta xehed li martu qatt ma qaltlu esplicitament li t-tarbija mhix tieghu pero kellu dubbju minhabba li qabadha f'adulterju.

"L-attur ma kellu ebda mezz li jieqaf milli jhallas dak li kien obbligat b'ordni tal-Qorti, minghajr ma jinkorri s-sanzjonijiet tal-ligi, sakemm l-istess Qorti ma tehilsux minn dak l-obbligu bid-dikjarazzjoni taghha stess li l-obbligu kien msejjes fuq causa legali korrispondenti inezistenti.

"Ma jista' jinghad anqas kif jitlob l-artikolu 1147 illi l-hlas sar taht xi obbligazzjoni naturali ghax l-obbligazzjoni li tahtha kien qed isir il-hlas kien wiehed civili u legali munit b'sanzjonijiet anki ta' natura penali fin-nuqqas.

"Din il-Qorti tqis illi ma hemmx raguni ghalfejn il-talba attrici ghandha tigi michuda ghalkemm ma hemmx prova illi l-konvenuta kienet in mala fede. L-attur qed jitlob l-ammont kollu mhallas minnu lill-konvenuta tul il-perjodu li l-Qorti obbligatu jhallas u l-konvenuta ma jidhirx li qed tikkontesta l-quantum li

din il-Qorti tqis bhala ppruvat mill-istess dokumenti bankarji esebiti mill-istess attur.

"**Decide**

"Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghar-ragunijiet fuq spjegati, u tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li l-attur qatt ma kien tenut ihallas manteniment ghal minuri Iona billi mhix wild tieghu; u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta tirrifondi lura lill-attur is-somma percepita minnha bhala manteniment ghal Iona cioe tmientax-il elf, mija u erbatax-il Euro u sitta u sittin centezmu (€18,114.66), bl-imghax li jibda jiddekorri mill-1 ta' Novembru 2010, cioe d-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

"L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenuta."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta li permezz tieghu talbu t-thassir u r-revoka tas-sentenza msemmija u dan billi tilqa' l-eccezzjonijiet taghha bl-ispejjez kontra l-appellat;

Rat ir-risposta tal-attur li permezz tieghu talab il-konferma tas-sentenza bl-ispejjez;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' April 2015 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati rispettivi trattaw l-appell;

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghall-kawza huma spjegati fid-dettal fl-atti msemmija u li gew hawn fuq riprodotti u allura ma hemmx lok li wiehed joqghod jirrepetihom fit-tul. F'dan l-appell, l-appellanti ressqet tlett aggravji li se jigu trattati wiehed wiehed.

**L-EWWEL AGGRAVJU**

L-ewwel aggravju jirrigwardja l-fatt li l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni intavolata mill-appelanti a tenur tal-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili; fir-rikors tal-appell hija ipprecizat li kienet qed tinvoka l-Artikolu 2156 (f) ossija dik ta' hames snin applikabbli *ghal kull kreditu iehor gej minn hwejjeg ohra meta l-kreditu ma jkunx jaqa' skont din il-ligi jew ligijiet ohra taht preskrizzjonijiet aqsar jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.*

Din il-Qorti pero` tirreferi ghall-Artikolu 2123 (a) tal-istess Kodici Civili li jistipula li l-preskrizzjoni *ma timxix bejn ir-ragel u l-mara*. Dan japplika anke jekk il-partijet ikunu separati kif tenniet is-sentenza fl-ismijiet **John Baptist Sammut v. Marina Ciarlo`** deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 2014. Kif qalet din is-sentenza s-separazzjoni personali, skont l-Artikolu 35 tal-Kodici

itemm biss l-obligu tal-mizzewgin li jghixu flimkien u allura l-Artikolu 2123 (a) japplika ukoll f'sitwazzjonijiet simili. Din is-sentenza iccitat lil **Giorgi** li jghid li s-sospensjoni tal-preskrizzjoni tapplika '*anche nel caso di separazione personale tra marito e moglie'*.

Anke l-**Qorti ta' Kassazjoni Taljana** b'sentenza tal-1985 ikkonfermat dan u qalet li "*La prescrizione dei diritti dei coniugi non ha luogo durante l'matrimonio, ancorche I coniugi siano separati*". Tal-istess fehma huma awturi ohrajn bhal **Ricci, Pothier, Laurent u Trabucchi**.

Ghaldaqstant ma hemmx lok li wiehed jinvestiga ulterjorment dan l-aggravju li ghar-raguni imsemmija huwa respint.

**It-tieni aggravju**

Dan l-aggravju huwa ibbazat fuq l-Artikolu 22 tal-Kodici Civili li jghid illi '*l-ebda azzjoni ghall-hlas ta' manteniment ma tista' tirnexxi ghall-hlasijiet li jkunu saru wara li l-kawza li ghalih tkun inghata l-manteniment ikun ittermina'.* Hija ticcita s-sentenza fl-ismijiet **Josette Vella v. Sebastian Vella** deciza fl-10 ta' Ottubru 2003 minn din il-Qorti li tghid li l-ligi ma taghmel ebda distinzjoni bejn il-varji tipi ta' manteniment u allura dejjem skont l-appellanti, tapplika ukoll ghal dan

il-kaz. Din il-kawza pero` kienet ghal talba tal-konvenut biex jinghata lura hlas ta’ manteniment li kien hallas wara li z-zwieg gie dikjarat null.

Din il-Qorti wara illi hasbet fit-tul dwar l-applikazzjoni o meno ta’ dan l-Artikolu ghall-kaz in ezami, waslet ghall-konkluzjoni li ghandha taqbel mal-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti. Din il-Qorti hija tal-fehma li fil-waqt li huwa minnu li l-artikolu msemmi ma jaghmel ebda distinzjoni bejn il-varji tipi ta’ manteniment, ghandu f’mohhu principalment sitwazzjonijiet fejn jinghataw digrieti jew sentenzi li permezz ta’ sentenzi ulterjuri jew xi fatt iehor jigi itterminat is-sahha taghhom, bhal per ezempju digriet ta’ manteniment favur xi parti li fl-ahhar tal-proceduri jigi deciz li kellha xi htija li twassal ghad-dekadenza mid-dritt ta’ manteniment. Dan indubbjament ghaliex dak il-manteniment ikun serva ta’ sussistenza principali tal-ghixien ta’ dik il-parti (kif effettivament spjegat tajjeb is-sentenza **Vella v. Vella** appena msemmija) u anke forsi fuq kollox biex jigu itterminati darba ghal dejjem il-vertenzi bejn il-partijiet.

F’dan il-kaz, ir-raguni li ghaliha kien isir il-hlas mhux *waqfet* izda **qatt ma ezistiet**. Oltre dan fil-kaz prezenti hemm indikazzjoni cara ta’ *malafede* da parti tal-appellanti u dan jirrizulta anke mis-sentenza illi permezz taghha giet dikjarata s-separazzjoni bejn il-partijiet. Dan apparti l-fatt li l-ewwel Qorti illi

semghet lill-partijiet jixhdu, indikat dan fis-sentenza taghha. Ebda ligi ma tista' tigi interpretata b'mod li tigi agevolata xi persuna li tkun agixxiet b'dan il-mod.

Ghalhekk din hija kawza "normali' ta' ripetizzjoni ta' indebitu kif qalet l-ewwel Qorti. L-appellat kien tul il-perjodu kollu in kwistjoni qed jaghmel hlas li minghalih kien dovut meta fil-fatt ma kienx kif jistipula l-Artikolu 1022 tal-Kodici Civili u a skans ta' ripetizzjonijiet il-Qorti taghmel riferenza ghall-gurisprudenza iccitata mill-ewwel Qorti fir-rigward, li din il-Qorti taqbel maghha.

Dan l-aggravju allura huwa ukoll respint.

**It-tielet aggravju**

Dan l-aggravju jikkonsisti fil-fatt li skont l-appellanti, peress li l-minuri kienet fi stat legittimu matul il-perjodu in kwistjoni, it-talba tal-attur appellat kellha tigi michuda. Tkompli tghid li l-appellat messu ikkontesta l-paternita` qabel u li huwa ipprattika l-patria potesta` matul l-istess perjodu u li l-interess taghha kien li tissalvagwardja l-interess tal-minuri peress li kienet tirrikonoxxi lill-appellat bhala missierha.

Mill-atti tal-kawza, pero`, u anke mis-sentenza ta' separazzjoni bejn il-partijiet, jidher car li l-appellanti qarrqet bl-appellat ghal diversi snin u huwa car li l-uniku interess taghha kien li tibqa' tippercepixxi l-manteniment minghandu nonostante kienet taf jew ghall-inqas kellha s-sensazzjoni cara li l-minuri ma kienitx bintu. Huwa evidenti li matul il-kawza ta' separazzjoni hija baqghet tichad dan u kien biss meta giet iffacjata mill-kawza tac-cahda tal-paternita` u allura ma tantx setghet tevita t-test tad-DNA illi allura issokkombiet ghas-sentenza li permezz taghha gie dikjarat li l-minuri ma kienitx bint l-appellat.

L-argumenti mressqa minn dan l-aggravju allura ma huma konvincenti xejn u din il-Qorti ma tifhimx il-validita` taghhom; l-appellat kien jezercita l-patria potesta` ghaliex kien minghalih li l-minuri kienet bintu; mhux verosomili li jibqa' jaghmel dan u jhallas il-manteniment kieku kellu l-prova tal-kuntrarju. F'dan l-aspett lanqas ma seta' (u ma kellux) ma jhallasx il-manteniment minghajr ma jsofri l-konsegwenzi legali, sija civili u addirittura kriminali.

Ghaldaqstant anke dan l-aggravju huwa michud.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu u tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza appellata; l-ispejjez tal-appell ukoll a kariku tal-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------